# LORENZA SSEMMA L-ĦOSS MAESTUŻ TAGĦHA GĦAL DAWN L-AĦĦAR 120 SENA

Id-daqq ferrieħi tal-mota tal-Festa ta' San Lawrenz ifakkarna din is-sena li l-Qanpiena l-kbira li żżejjen il-kampnar qadim tal-Knisja Kolleġġjata tagħna, tagħlaq mija u għoxrin sena! Kien fil-15 ta' Mejju, 1882 meta l-ħabrieki Kanonku Dun Lawrenz Dalli, flimkien ma' żewġ Kanonċi oħra Dun Anton Pace u Dun Lawrenz Camilleri, quddiem in-Nutar Ġanni Saydon, ftiehem ma' l-imgħallem Ġulju Cauchi biex dan jagħmel il-qanpiena għall-Knisja ta' San Lawrenz, li tiżen tmienja u tletin qantar, għas-somma ta' £444 tad-deheb!



Żgur ma kienx jobsor, il-ħabrieki Dun Lawrenz Dalli f'liema baħar ta' nkwiet kellu jsib ruħu x-xahar ta' wara u liema mrar kellu jixrob ftit jiem wara l-festa tal-qaddis tiegħu San Lawrenz, ta' dik l-istess sena.
Iżda hekk kien minn dejjem! Min jagħmel il-ġid isib l-għadu għajjur kontra tiegħu, imħejji biex jixħlu bil-qerq. U l-Kanonku Dalli kien maħbub min-nies tal-Birgu għall-ġid li kien jagħmel u għall-ħidma tiegħu biex iżejjen il-Knisja ta' San Lawrenz li tant kien iħobb. In-nies kienet tafu dan, u l-flus għall-qanpiena nġabru malajr. Kif jidher fl-atti ta' Girgor Spiteri, l-imgħallem Cauchi kien tħallas għall-qanpiena li kien għamel fid-29 ta' Diċembru ta' l-1882 - is-sena li ma jinsewiex in-nies tal-Birgu għax fiha, fost ħwejjeġ oħra, semgħu l-leħen ferrieħi tal-qanpiena tħabbrilhom il-festi għeżież għal qalbhom matul is-sena.
Din il-qanpiena tant għażiża għan-nies tal-Belt Vittoriosa tixhed il-fidi ta' missirjietna li fuq il-bronz riedu jfissru l-fidi tagħhom. Għalhekk min iħares lejn il-qanpiena li timla l-kampnar qadim tal-Knisja tagħna, jara fuqha x-xbiha tas-Sagra Familja, għax missirijietna minn Kristu stennew l-għajnuna matul il-ħajja tagħhom. U talbu dejjem fis-snin ta' tiġrib lill-Madonna u lil San Ġużepp biex iwasslu t-talb tagħhom f'riġlejn Ġesù. Fuq il-bronz tal-qanpiena hemm imqabbża x-xbieha ta' San Pawl għax riedu jfissru missirijietna kemm kienu jafu jgħożżu t-twemmin fi Kristu li dan l-Appostlu Missierna ġab fuq ix-xtajtiet tal-Gżira ta' Malta. U qegħdu wkoll b'għożża kbira x-xbieha tal-Qaddis Maħbub tagħhom - San Lawrenz, għax għand dan il-qaddis, għal sekli u sekli sħaħ irrikorrew ulied il-Birgu fil-jiem ta' l-għawġ, ta' niket u bżonn u Hu mis-sema ħarishom bħal Missier lill-Uliedu Maħbubin. "San Lawrenz u l-Birgu, min jifridhom?" Ħadd! Jixhduh iż-żminijiet! Jixhduh l-eluf ta' Vittorjosani li fl-10 ta' Awissu jersqu lejn dan il-Qaddis biex iqimuh aktar milli fil-jiem l-oħra tas-sena. Jixhduh il-missirijiet u l-ommijiet tal-Birgu li lil dan il-Qaddis jitolbu għal uliedhom u wlied uliedhom. Jixhduh iż-żgħażagħ li bil-ħeġġa ta' qalbhom iduru madwar ix-xbieha ta' dan il-qaddis żgħażagħ u joffrulu l-ħolm sabiħ ta' ħajjithom.





Għalhekk il-Vittorjosani qegħdu x-xbieha ta' dan il-qaddis fil-bronz tal-qanpiena l-kbira. U qegħdu ħdejha l-arma tal-Knisja Kolleġġjata ta' belthom mhux biss għax kienu kburin bil-ġrajjiet imżewqa tal-Knisja Monumentali li ssebbaħ il-Birgu, iżda għax riedu juru kemm il-Knisja kienet waqfet magħhom u ma ta' qabilhom fil-ħin tal-bżonn. Riedu juru li kienu jafu kemm kienet tiftaqar il-ħajja tal-bniedem li kieku fid-dinja ma kienx hawn il-Knisja ta' Kristu li ddawwal, li tħeġġeġ, li tgħin lil qalb tal-bniedem fit-tiġrib li minnu jkollu jgħaddi matul is-snin ta' ħajtu.
Kemm aħbarijiet, kbar u sbieħ, ħabbret din il-qanpiena bid-daqq solenni tagħha. Fl-1890 semmet leħinha fit-Tmien Ċentinarju tat-twaqqif tal-Parroċċa ta' Beltna - l-ewwel parroċċa f'Malta wara l-Kattidral, imwaqqfa mill-Konti Ruġġieru fl-1090. Ħabbret il-bidu tas-seklu għoxrin u t-tmiem tal-gwerra ta' l-ewwel nofs tas-seklu tagħna. Kull meta għall-Gżiritna deher iż-żerniq tal-jum sabiħ, din il-qanpiena tal-Knisja Monumentali tal-Belt Qadima ta' Malta xandret l-aħbar ta' ġejjieni kollu riżq fuq l-art madwarha u fuq il-mewġ tal-baħar f'riġlejha.
Għalhekk ngħożżuha u nieħdu gost nisimgħu leħenha... u hemm raġuni oħra għal dan..... għax il-leħen tal-qanpiena li mija u għoxrin sena ilu qegħdilna Dun Lawrenz Dalli mejgħun minn Ġużeppi Darmanin u nies oħra, jgħollilna l-ħsieb 'l fuq minn din il-ħajja, kollha taqtiegħ il-qalb, u jfakkarna fil-misteri t'Alla li ż-żmien m'huwa xejn quddiemu.

***Kitba tal-mibki KAN. DEKAN ANTON ZAMMIT GABARRETTA***